# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 1756/99 DM**

**Joseph Mangion**

**vs**

**Carmela armla ta' Carmelo Mifsud**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. L-appellat fid-29 ta' Novembru, 1999 ipprezenta avviz fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talab lill-ewwel Qorti sabiex tikkundanna lill-appellanti thallsu is-somma ta' elf lira maltin (Lm1000)

mislufa lilha permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Marzu, 1996 oltre l-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mid-data ta' l-imsemmi kuntratt peress li l-konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu. Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid numru 2542/99 kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

2. L-ewwel seduta allokata ghas-smiegh ta' dan l-avviz, u cioe' f'dik tas-17 ta' Marzu, 2000, wara li rat li l-esponenti kienet debitament notifikata u ma dehritx bex tikkontesta t-talba, u wara li rat il-kuntratt esebit u semghet lill-attur bil-gurament, l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet tieghu kif dedotti fl-avviz.

**L-APPELL TA' L-INTIMATA**

3. L-appellanti hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u interponiet appell fuq l-aggravji segwenti:-

> "Illi hija ma dehritx il-Qorti sabiex tikkontesta t-talba peress illi sahhitha ma ppermettilhiex, tant huwa hekk li lejliet gie rilaxxjat certifikat mediku li jindika li ma kienetx f'posizzjoni li tattendi l-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2000 (dok A);

Illi bint l-appellanti, fis-16 ta' Marzu, 2000, marret bl-istess certifikat fl-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, bl-impressjoni zbaljata li b'daqshekk l-ewwel Qorti kienet ser takkorda differiment, kif generalment isir f'kawzi tad-distrett, pero' ovvjament dan ma kienx il-kaz, u l-istess pulizija ma accettawx ic-certifikat.

Illi mbaghad kien tard wisq ghaliha sabiex tkellem avukat tal-fiducja taghha sabiex jiehu hsieb huwa il-kawza msemmija.

Illi l-esponenti ma kellmitx avukat tal-fiducja taghha malli giet notifikata bl-avviz, peress illi l-perjodu ta' bejn in-notifika u d-data tas-smiegh hija ghaddietu aktar l-isptar milli d-dar.

Illi kieku sahhitha kienet tajba l-esponenti kienet ser tidher quddiem l-ewwel Qorti sabiex tikkontesta t-talbiet ta' l-appellat fis-17 ta' Marzu, 2000, a bazi tal-fatt illi l-unika ammont li kien silifha l-attur kien dak ta' Lm260 (mitejn u sittin lira maltin) u fil-fatt l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1000) minnu pretizi fl-avviz kienu jinkludu uzura pezanti li hija pprojbita mil-ligi.

Illi sussegwentement l-appellanti saret taf li kienet nghatat is-sentenza appellata, kemm minghand l-appellat stess kif ukoll minn ghand terzi.

Ghaldaqstant l-appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka is-sentenza appellata u tirrimetti l-process lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex l-esponenti tkun tista' tikkontesta t-talbiet ta' l-appellat skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellat".

**RISPOSTA TA' JOSEPH MANGION GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TA' CARMELA ARMLA TA' CARMELO MIFSUD**

4. L-attur wiegeb hekk:-

> "Illi s-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti. Ghandu jigi rilevat illi l-appellanti qatt ma ressqet ir-risposta taghha ghat-talba attrici avolja kienet ilha zmien twil li giet notifikata bl-avviz. Lanqas m'ghamlet xejn fid-data tas-seduta tal-kawza, u cioe', fis-17 ta' Marzu, 2000, jew almenu tinkariga avukat ta' fiducja taghha biex jikkontesta t-talba attrici. Dak li naqset taghmel, bi traskuragni taghha, quddiem l-ewwel Qorti, qed tipprova issa tottjenih b'dan l-appell interpost li, fl-umli sottomissjoni ta' l-esponent, ma jistax ikun legalment sostenibbli.
>
> Ghalhekk, bir-rispett kollu, l-appell interpost ghandu jigi respint bl-ispejjez".

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

5. Permezz ta' dan l-appell, l-intimata konvenuta qeghda tintenta tiggustifika l-kontumacja taghha u dana billi "ex admissis" jirrizulta li minkejja li hija kienet giet debitament notifikata bl-avviz tal-kawza dedotta kontriha hija ma dehritx "peress illi sahhitha ma ppermettietilhiex".

6. Illi l-iter segwit mill-intimata kien dan li ġej:-

(i) Fis-6 ta' Dicembru, 1999, hija giet notifikata bl-avviz biex tidher fis-17 ta' Marzu, 2000;

(ii) L-appellanti xehdet quddiem din il-Qorti li kellha tigi operata f'Novembru ta' qabel - jigifieri xahar qabel ma rceviet l-avviz – u kellha tidher f'Marzu tas-sena ta' wara. Tghid li ma dehritx ghax baghtet certifikat mediku billi baqghet konvalexxenti d-dar taghha (fol 20);

(iii) Ic-certifikat mediku tghid li baghtitu l-Ghassa tal-Pulizija – waqt li hawn si tratta ta' proceduri civili u mhux kriminali;

(iv) L-appellanti xehdet li lill-avukat taghha avvicinatu wara li l-kawza kienet giet deciza pero', in segwitu, xehdet li kellha okkazzjoni li tkellmu qabel ma giet imharrka;

(v) Xehdet li c-certifikat mediku baghtitu l-Ghassa ghax hekk qalulha n-nies (!) u dan biex ikun jista' jixhdilha l-pulizija li kienet mixhuta. Qalet li ma kienetx taf li dwar ic-citazzjoni kellha terga' tmur tkellem lill-avukat taghha. Marret ghandu wara li l-kawza giet deciza.

(vi) Aktar 'il quddiem fid-deposizzjoni taghha, l-appellanti xehdet li lill-avukat taghha kienet haditlu sija l-avviz tal-kawza u "nizziltlu l-appell". Mistoqsija mill-Qorti ghax ma dehrilhiex l-avukat taghha, l-appellanti wiegbet biss "heqq" (fol 27);

(vii) Mar-rikors ta' l-appell, l-appellanti annettiet certifikat mediku – mhux guramentat – ara Dok A. fol. 12 – rilaxxjat mit-tabib Dr. Mark Mangion, M.D., li jghid li l-appellanti kienet "home bound", hija ma setghetx tidher ghas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2000. Ic-certifikat hu datat gurnata qabel. L-appellanti ghamlet riferenza ghall-operazzjoni u ghal xi karti li kellha dwarha, izda ma esebit l-ebda karta. Ic-certifikat esebit minnha jghid biss li kienet issofri minn "acute cholecystitis".

Il-Qorti, wara li qieset kollox, ma jidhrilhiex li l-appellanti ggustifikat in-nuqqas ta' dehra taghha quddiem l-Ewwel Qorti. Jirrizulta li hija x'aktarx gja' kienet avvicinat lill-avukat ta' fiducja taghha qabel ma giet imharrka u kwindi kien messha taf li trattandosi ta' proceduri ta' indole civili, il-pulizija ma kellha x'taqsam xejn mal-kawza u ma kellhiex ghalfejn tibghat certifikati l-Ghassa tal-Pulizija – fatt del resto mhux ippruvat anqas. Illi f'kull kaz huwa ben maghruf li "ignorantia legis neminem excusat". Jekk tassew l-appellanti giet operata f'Novembru, 1999, u servuta bl-avviz f'Dicembru, 1999 biex tidher f'Marzu, 2000, kellha zmien bizzejjed biex izzomm lill-avukat taghha aggornat b'dak li

kien qieghed jigri.  Jekk tassew ma setghetx tattendi l-Qorti fl-ewwel dehra kien allura messha intavolat rikors ghal differiment. In-negligenza kolpuza ta' l-appellanti, fic-cirkostanzi, kienet ghalhekk wahda grossolana u mhux legalment gustifikata.

Mill-bqija jidher li l-kontroparti pproduciet att in iskritt ta' kostituzzjoni ta' debitu u li l-Ewwel Qorti mexxiet il-kawza korrettement.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-intimata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mm